**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**
**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 218/15AM

Numru fuq il-Lista: 28

**GO plc – C22334**
**Fra Diego Marsa MRS 1501**

**vs**

**Anthony Deguara (ID 445981M)**
**11, Triq Xejba,**
**Zejtun**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-18 ta' Marzu, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' disa mija u erba' ewro u tnejn u disghin centezmi (€904.92c)

liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40156997 moghtija mis-Socjeta’ attrici .

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta’ Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont pretiz mis-Socjeta’ attrici ghadu dovut u ma thallasx lanqas in parte.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ disa mija erba’ ewro u tnejn u disghin centezmi (€904.92c) bl-imghax legali kontra l-konvenut sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**